



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.7.2016
COM(2016) 461 final

2016/0221 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 345/2013 dwar Fondi ta' Kapital ta' Riskju Ewropew
u r-Regolament (UE) Nru 346/2013 dwar Fondi ta' Intraprenditorija soċjali Ewropej**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2016) 228 final}

{SWD(2016) 229 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Din il-proposta timmira li temenda r-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar il-fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju¹(ir-"Regolament (UE) Nru 345/2013") u r-Regolament (UE) 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej (ir-"Regolament(UE) Nru 346/2013")².

Din il-proposta għandha tiġi kkunsidrata fil-kuntest aktar wiesha ta' ħidma biex jinkiseb l-investment f'negozji li qed jikbru u negozji intraprenditorjali. Il-**Pjan ta' Investment għall-Ewropa**³ jipprovdi strateġija komprensiva għall-promozzjoni tal-impjiegi, tat-tkabbir u l-investment. Qasam ewlieni tal-Pjan ta' Investment huwa **Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali ("CMU")**,⁴ li jimmira li titnaqqas il-frammentazzjoni fis-swieq kapitali, jitneħħew l-ostakli regolatorji għall-finanzjament tal-ekonomija u tiżdied il-provvista tal-kapital lin-negozji permezz tat-twaqqif ta' suq kapitali uniku ġenwin. Il-Pjan ta' Investment għall-Ewropa jimmira li jkompli jimmobilizza investment privat addizzjonali bl-użu ta' fondi pubbliċi permezz ta' **Fond Ewropew għall-Investment Strateġiku ("FEIS")**⁵. F'dan il-qafas, sabiex jiġi katalizzat l-investment privat fi swieq ta' kapital ta' riskju fl-Ewropa, qed jiġi stabbilit ukoll **fond ta' fondi pan-Ewropew** li jinvesti f'kapital ta' riskju Ewropew. Dan jikkombina l-kapital tas-settur privat mal-appoġġ mill-UE biex jattira l-kapital minn investituri istituzzjonali ewlenin għall-klassi ta' assi ta' kapital ta' riskju u jsaħħaħ l-impatt tal-appoġġ tal-UE għall-industrija Ewropea tal-kapital ta' riskju.

L-istrutturi tal-**Fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju ("EuVECA")** u tal-**Fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej ("EuSEF")** inħolqu biex joffru opportunitajiet ġodda għal parteċipanti fis-suq sabiex jiksbu u jinvestu kapital f'impriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") innovattivi u f'impriżi soċjali fl-Ewropa kollha. L-SMEs huma ta' importanza kbira fl-ekonomija tal-UE bħala settur li jista' jiġġenera tkabbir u redditi reali. Filwaqt li l-fondi tal-EuVECA jappoġġjaw kumpaniji żgħar u innovattivi, il-fondi tal-EuSEF jiffokaw fuq intrapriżi li l-għan tagħhom hu li jiksbu impatt soċjali pożittiv.

Is-sors u d-disponibbiltà tal-finanzjament għal SME huma fatturi importanti wara l-iżvilupp, it-tkabbir u s-suċċess tagħha. Sabiex jiġu promossi oqsma ġodda ta' tkabbir u nersqu lejn ekonomija mmexxija mill-innovazzjoni, jeħtieġ li jissaħħu mezzijiet ġodda ta' finanzjament li jappoġġjaw start-ups, SMEs innovattivi u intrapriżi soċjali. Peress li l-banek huma tipikament

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar fondi Ewropej ta' kapital tar-riskju (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 1).

² Ir-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 18).

³ Komunikkazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew ta' Investment: Pjan ta' Investment għall-Ewropa (COM(2014)0903 finali).

⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Pjan ta' Azzjoni għall-Bini ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali, (COM(2015) 468 final).

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

f'pożizzjoni anqas b'saħħitha biex jipprovdu dawn it-tipi ta' finanzjament, l-aċċess għal kapital ta' riskju u intraprenditorija soċjali huwa importanti ħafna għall-finanzjament tat-tkabbir ta' din il-parti tal-ekonomija tal-UE. In-nuqqas f'dan il-finanzjament ġie kkwoat ripetutament bħala ostaklu li jeħtieġ li jiġi indirizzat sabiex jiġi promoss it-tkabbir ekonomiku tal-UE. L-UE qed taqa' aktar lura wara l-Istati Uniti fir-rigward tas-suq ta' kapital ta' riskju, minflok tirkupra. Minkejja daqs ta' ekonomija simili, l-Istati Uniti jipprovdu aktar kapital ta' riakju lill-kumpaniji, inkluż lill-SMEs. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU) irrapporta li kieku s-swieq ta' kapital ta' riskju tal-UE kienu profondi daqs l-Istati Uniti, kien ikun hemm €90 biljun fondi disponibbli biex jiffinanzjaw lill-kumpaniji bejn l-2009 u l-2014. Fl-2014, madwar 90 % tal-investimenti ta' kapital ta' riskju tal-UE kienu kkonċentrati fi tmien Stati Membri: Ir-Renju Unit, il-Ġermanja, l-Iżvezja, id-Danimarka, il-Finlandja, in-Netherlands, Franza u Spanja. Iżda anki f'dawn is-swieq aktar żviluppati, il-kapital ta' riskju jirrappreżenta anqas minn 0,1 % tal-PDG.

Sabiex tkompli tappoġġja l-iżvilupp ta' dawn is-swieq, il-Kummissjoni qed tipprowva tiżgura li l-oqfsa tal-EuVECA u l-EuSEF jaħdmu mill-aħjar possibbli biex jiġi appoġġjat l-investiment f'kapital ta' riskju u soċjali. Il-Kummissjoni, għalhekk, iddeċidiet li tantiċipa r-rieżamijiet mitluba taħt iż-żewġ Regolamenti fl-2017 billi tibda rieżami leġiżlattivi bħala parti mill-inizjattiva tal-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni ("REFIT")⁶. L-għan tar-rieżami kien li jivvaluta kif kienet il-prestazzjoni taż-żewġ oqfsa sa issa, b'mod partikolari jekk kinux effettivi, effiċjenti, koerenti, rilevanti, u jekk ipprovdewx valur miżjud għall-UE. Ir-rieżami identifika għadd ta' fatturi li jostakolaw l-iżvilupp ta' dawn il-fondi, b'mod partikolari r-regoli li jmexxu l-mod li l-fondi jinvestu f'assi, il-mod li l-manigġers imexxu l-fondi, kif iż-żewġ Regolamenti jinteraġixxu ma' liġijiet ta' fondi ta' investiment oħrajn li jeżistu, u r-rekwiżiti li l-fondi huma konformi magħhom biex jibbenefikaw mill-passaport transfruntier.

Din il-proposta tirrikonoxxi li għad hemm fatturi oħra lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha li qed iżommu lura l-iżvilupp tas-settur tal-kapital ta' riskju fl-UE, bħall-approċċ għall-finanzjament mhux bankarju jew reġimi fiskali li għandhom jiġu indirizzati permezz ta' inizjattivi dedikati oħra mill-Istati Membri. Barra minn hekk, dawn il-fatturi se jiġu indirizzati fil-pakkett komprensiv ta' miżuri tal-Pjan ta' Azzjoni tas-CMU biex jappoġġja l-finanzjament kapitali ta' riskju fl-UE.

- **Konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika attwali fil-qasam tal-politika**

Din il-proposta hija parti mill-Pjan ta' Azzjoni tas-CMU. Il-Pjan ta' Azzjoni tas-CMU huwa prijorità ewlenija għall-Kummissjoni u jinkludi firxa ta' miżuri biex jitneħħew l-ostakli tal-kapital ta' riskju u jiġi ffaċilitat il-finanzjament tal-SMEs. Dawn jinkludu, b'mod partikolari, azzjonijiet biex jissaħħaħ il-feedback mogħti mill-banek li jirrifjutaw applikazzjonijiet ta' kreditu lil SMEs, biex tiġi rinforzata informazzjoni dwar kreditu lil SMEs, biex jiġu rieżaminati l-inċentivi fiskali u l-ħelsien mit-taxxa offruti mill-Istati Membri lill-SMEs u lill-investituri fl-SMEs.

Din il-proposta hija parti ewlenija mill-Pjan ta' Azzjoni tas-CMU, li tgħin biex tiddiversifika s-sorsi ta' finanzjament u biex jiġi sfruttat il-kapital billi tagħmilha aktar faċli għall-investituri, il-manigġers ta' fond u l-impriżi ta' portafoll li jibbenefikaw minn fondi EuVECA u EuSEF. Is-swieq tal-kapital joffru aċċess għal firxa wiesgħa ta' fornituri ta' finanzjament u jipprovdu

⁶ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT): Is-Sitwazzjoni Attwali u l-Perspettivi [COM(2014) 368 final]

opportunità ta' ċessjoni għal kapital ta' riskju u investituri tal-impatt soċjali, għall-ekwiżità privata jew għall-investituri informali, li jinvestu f'kumpaniji fi stadju aktar bikri tal-iżvilupp tagħhom.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta tikkomplimenta ż-żewġ pilastri l-oħra tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa:

- Il-mobilizzazzjoni ta' investiment privat addizzjonali bl-użu ta' fondi pubbliċi Il-**FEIS** inholq bil-għan li jimmobilizza tal-anqas €315 biljun ta' investiment addizzjonali sal-2018. L-FEIS jinvesti f'firxa wiesgħa ta' setturi, u jipprovdi appoġġ finanzjarju dirett lill-SMEs, l-aktar permezz ta' Fond Ewropew tal-Investment.
- L-iżgurar li l-finanzjament tal-investment jilħaq l-ekonomija reali Il-**Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment** u **Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti** ġew stabbiliti biex jgħinu l-finanzjament ta' investiment jilħaq l-ekonomija reali.

Din il-proposta tikkomplementa wkoll il-**Programm Qafas għar-Riċerka u Innovazzjoni Orizzont 2020**⁷ li għandu rwol sinifikanti bħala mutur tal-finanzjament tal-SMEs permezz ta' **InnovFin – Finanzi tal-UE għall-Innovaturi**, serje ta' strumenti ta' finanzjament u servizzi ta' konsulenza integrati u komplementari mill-Grupp tal-Bank ta' Investiment Ewropew li tkopri l-katina kollha tal-valur tar-riċerka u l-innovazzjoni. Il-Kummissjoni ġġesti wkoll programm għall-**Kompetittività tal-intrapriżi u l-SMEs (COSME)**⁸ li jipprovdi aċċess għal finanzjament aħjar għall-SMEs, jipprovdi servizzi ta' appoġġ tan-negozju u jippromwovi l-intraprenditorija.

Fil-kuntest tal-**iStrateġija tas-Suq Uniku**⁹ il-Kummissjoni qed tipprova tnaqqas il-piżijiet amministrattivi u tagħmel l-Ewropa destinazzjoni aktar attraenti għall-innovaturi kemm mill-UE, kif ukoll lil hinn minnha. B'mod partikolari, il-Kummissjoni se tnedi **Inizjattiva start-up** biex tibda valutazzjoni wiesgħa tar-rekwiżiti ta' start-ups u mezzi kif jitnaqqsu tali rekwiżiti u, meta dan ma jkunx possibbli, tiffaċilita l-konformità.

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-Artikolu 114 TFUE, li kien il-bażi ġuridika għar-Regolament (UE) 345/2013 u r-Regolament (UE) 346/2013. L-analiżi mnedija bħala parti mir-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt tidentifika li jinħtieġ li l-elementi tar-Regolament (UE) 345/2013 u r-Regolament (UE) 346/2013 jiġu emendati biex jitjeb u jiġi ssemplifikat l-użu tal-fondi EuVECA u EuSEF. Huma biss il-koleġiżlaturi tal-UE li għandhom il-kompetenza li jagħmlu l-emendi meħtieġa.

- **Sussidjarjetà**

⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi żgħar u medji (COSME), (2014 sa 2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE (ĠU L 347/33, 20.12.2013).

⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Naġġornaw is-Suq Uniku: opportunitàjiet aktar għaċ-ċittadini u għan-negozji" (COM(2015)0550 final).

L-azzjoni fil-livell tal-UE għandha tittieħed biss meta l-objettivi tal-azzjoni proposta ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri fil-qafas tas-sistemi kostituzzjonali nazzjonali tagħhom.

Is-suq intern għal kapital ta' riskju u fondi ta' impatt soċjali kif stabbilit fir-Regolament (UE) 345/2013 u r-Regolament (UE) 346/2013 għadu frammentat u jinħtieġ li jkun hemm azzjoni ulterjuri biex jiġi rinforzat il-qafas Ewropew għall-ġbir transfruntier ta' tali fondi. Din il-proposta tista' tkompli twassal għal konverġenza u suq intern imsaħħaħ għal fondi ta' kapital ta' riskju u ta' intraprenditorija soċjali. L-objettivi ta' dan ir-Regolament, għalhekk, jistgħu jinkisbu biss permezz ta' azzjoni fil-livell tal-Unjoni.

Il-problemi identifikati jirrigwardaw il-limitazzjonijiet u d-diverġenzi fl-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 345/2013 u r-Regolament (UE) 346/2013 fl-Istati Membri kollha. Hemm riskju li jekk tali limitazzjonijiet u diverġenzi jitħallew, dan jirriskja li jiġġenera aktar frammentazzjoni u jwassal għal telf ta' opportunitajiet. Huwa biss intervent koordinat tal-UE permezz ta' din il-proposta li jista' jsołvi dawn il-kwistjonijiet. Il-livell tal-UE, għalhekk, huwa l-uniku livell adegwat li fih jistgħu jiġu indirizzati dawn il-problemi sabiex jiġi żgurat li jiġu applikati regoli uniformi b'mod konsistenti fl-Istati Membri kollha.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta ssaħħaħ l-użu tat-tikketti EuVECA u EuSEF. La r-Regolament (UE) 345/2013 u r-Regolament (UE) 346/2013 u lanqas din il-proposta ma jagħtu esklussività fuq il-fondi EuVECA u EuSEF fis-settur tal-kapital ta' riskju u ta' fondi tal-impatt soċjali. Dan ir-Regolament iżomm l-użu esklussiv tat-tikketti EuVECA u EuSEF permezz ta' fondi EuVECA u EuSEF rispettivament. L-Istati Membri taħt id-Direttiva 2011/61/UE dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi ("AIFMD")¹⁰ għadhom ħielsa li jiddeterminaw ir-reġimi nazzjonali għal fondi ta' kapital ta' riskju u ta' impatt soċjali.

Din il-proposta ssib bilanċ bejn l-interess pubbliku, il-protezzjoni tal-investituri, is-sigurtà u l-konsiderazzjonijiet ta' fiduċja kif ukoll spejjeż relatati. Il-piżijiet mhux meħtieġa jiġu evitati: jiġi propost li l-ġestjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' fondi koperti mir-Regolament (UE) 345/2013 u r-Regolament (UE) 346/2013 jinfetħu għal grupp ġdid ta' maniġers soġġetti għal AIFMD u biss għal dawk ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 345/2013 u r-Regolament (UE) 346/2013 li huma speċifiċi għas-settur u mhumiex mitluba mill-AIFMD, u li tiġi simplifikata r-reġistrazzjoni ta' fondi u jiġi ċċarat li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti ma jistgħux jimponu tariffi u ħlasijiet simili.

- **L-għażla tal-istrument**

L-istrument propost huwa Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

3. IR-RIŻULTATI TAR-RIEŻAMI EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

- **Rieżami tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Ir-Regolament (UE) 345/2013 u r-Regolament (UE) 346/2013 ġew inklużi fil-programm REFIT tal-Kummissjoni Ewropea. Aktar dettalji dwar dan ir-rieżami jistgħu jinsabu fit-taqsimha "Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni" aktar 'l isfel.

¹⁰ Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

- **Evalwazzjoni ex-post/kontroll tal-idoneità**

Il-Kummissjoni ddeċidiet li taċċellera r-rieżami ppjanat tar-Regolament (UE) 345/2013 u r-Regolament (UE) 346/2013 skedata għall-2017 u li tibda rieżami leġiżlattivi bħala parti mill-programm ta' ħidma REFIT tal-2016¹¹.

Peress li r-Regolament (UE) 345/2013 u r-Regolament (UE) 346/2013 kienu applikabbli biss minn nofs l-2013, ma kinitx possibbli evalwazzjoni sħiħa peress li għadu kmieni wisq biex jiġi konkluż b'mod sod dwar l-impatti fit-tul. Minflok, l-evalwazzjoni tipprovdi valutazzjoni tal-impatt inizjali tar-Regolament, li tiffoka fuq il-fatturi potenzjali li setgħu ipprevenew it-teħid aktar wiesa' tal-fondi, meta mqabbel ma' dak li kien mistenni inizjalment. Ir-rieżami huwa anness mar-rapport ta' Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni u l-konklużjonijiet tiegħu huma dawn li ġejjin:

Rigward l-effikaċja tar-Regolament (UE) 345/2013 u r-Regolament (UE) 346/2013, filwaqt li t-teħid tal-opportunitajiet offruti mir-Regolament (UE) 345/2013 jistgħu jiġu mtejbja aktar, it-teħid limitat permezz tar-Regolament (UE) 346/2013 b'mod ċar mhux sodisfaċenti. Kemm ir-Regolament (UE) 345/2013 kif ukoll ir-Regolament (UE) 346/2013 huma limitati b'firxa ta' ostakli, b'mod partikolari limitazzjonijiet fuq maniġers kbar li l-portafolli tagħhom jaqbżu l-€500 miljun li ma jistgħux jużaw it-tikketti "EuVECA" u "EuSEF", biljett ta' dħul ta' minimu ta' €100,000 għal investituri mhux professjonali u limitazzjonijiet speċifiċi fuq investimenti eliġibbli (jiġifieri d-definizzjoni ta' impriża ta' portafoll li jikkwalifikaw). Għal fondi iżgħar, il-minimu ta' investiment ta' €100,000 issemma bħala ostaklu potenzjali, madankollu investimenti iżgħar għal investituri mhux professjonali huma diġà disponibbli fl-assi tal-SMEs, permezz ta' strumenti alternattivi (jiġifieri finanzjament kollettiv, IPOs eċċ). Il-fondi EuSEF u EuVECA huma strumenti differenti fuq żmien itwal (eż. dawn il-fondi għandhom perjodu ta' immobilità minimu ta' ħames snin) li jirrikjedi livelli limiti aktar għoljin u aktar ħarsien tal-investituri.

Mill-bidu ta' April 2016, kien hemm 70 fond EuVECA irreġistrat fid-dejtabejż tal-ESMA. Għal fondi tal-EuSEF, hemm erba' fondi rreġistrati f'żewġ Stati Membri biss: fond wieħed EuSEF huwa rreġistrat fi Franza u tliet fondi EuSEF fil-Ġermanja, b'total ta' assi mmaniġġjati ta' € 32 miljun.

Fir-rigward tal-effiċjenza, ir-rieżami jidentifika rekwiżiti differenti fil-ġurisdizzjonijiet differenti, b'mod partikolari ħlasijiet għat-twaqqif, spejjeż addizzjonali mitluba mill-Istati Membri ospitanti u l-livelli rikjesti ta' fondi proprji suffiċjenti. F'ċertu istanzi, tali Prattiki jfissru li l-"gold-plating" jmur lil hinn mir-rekwiżiti tar-Regolamenti li min-naħa tagħhom jikkostitwixxu impediment għat-twaqqif u l-marketing transkonfini tal-fondi EuVECA u EuSEF. F'termini ta' rilevanza, ir-Regolament (UE) 345/2013 u r-Regolament (UE) 346/2013 huma rikonnoxxuti bħala integrali għall-ħidma fuq l-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Ir-Regolament (UE) 345/2013 u r-Regolament (UE) 346/2013 jiformaw parti mill-inizjattiva tal-Kummissjoni biex iżżid il-finanzjament mhux bankarju għall-ekonomija, u huma allinjati mal-oġettivi tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa biex tiżdied il-kompetittività u jiġi stimulat l-investimenti għall-fini tal-ħolqien tal-impjiegi.

Il-koerenza tinkiseb peress li r-Regolament (UE) 345/2013 u r-Regolament (UE) 346/2013 jikkomplimentaw l-AIFMD, peress li jkopru maniġers żgħar li l-portafolli tagħhom huma inqas minn €500 miljun bil-għan li jagħtuhom l-opportunità li jikkumerċjalizzaw il-fondi EuVECA u EuSEF lil hinn mill-fruntieri.

¹¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-2016, Mhux il-waqt li kolloxx jibqgħa l-istess (COM(2015) 610 final).

Fir-rigward tal-valur miżjud tal-UE tagħhom, ir-Regolament (UE) 345/2013 u r-Regolament (UE) 346/2013 jindirizzaw nuqqas li kien jeżisti fil-leġislazzjoni qabel l-adozzjoni tagħhom, li mmira li johlq l-abbiltà għal maniġers żgħar li jikkumerċjalizzaw fondi lil hinn mill-fruntieri u jżidu l-ammont ta' kapital mhux bankarju disponibbli għal investment fi start-ups u intrapriżi soċjali. Jirriżulta valur miżjud tal-UE ulterjuri mir-Regolamenti, peress li huma "ġabra unika tar-regoli" bil-għan li jiżguraw li l-investituri jkollhom l-aħjar informazzjoni possibbli u l-aktar komparabbli għall-investment kemm f'fondi EuVECA kif ukoll f'fondi EuSEF fl-Ewropa kollha.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta tibni fuq għadd ta' konsultazzjonijiet pubbliċi, jiġifieri konsultazzjoni pubblika mnedija mill-Green Paper Il-Bini ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali (18 ta' Frar 2015 sat-13 ta' Mejju 2015), konsultazzjoni pubblika dwar ir-rieżami tar-Regolament (UE) 345/2013 u r-Regolament (UE) 346/2013 (30 ta' Settembru 2015 sas-6 ta' Jannar 2016), konsultazzjoni pubblika mis-Sejħa għal evidenza: Qafas regolatorju tal-UE għas-servizzi finanzjarji (30 ta' Settembru 2015 sal-31 ta' Jannar 2016) u workshop tekniku mmirat (27 ta' Jannar 2016).

Ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet jissuġġerixxu li hemm appoġġ wiesa' biex titwessa' l-firxa ta' maniġers bil-permess li jgħestixxu u jikkumerċjalizzaw fondi tas-suq bl-użu ta' tikketti "EuVECA" u "EuSEF" billi jiġu inklużmanigers awtorizzati permezz tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2011/61/UE. Din il-proposta tiftaħ is-suq għal fondi EuVECA u EuSEF għal maniġers b'awtorizzazzjoni AIFMD sabiex ikunu jistgħu joffru firxa sħiħa ta' prodotti lil kliġenti mid-dar tagħhom u Stati Membri oħra li min-naħa tagħhom iżidu l-penetrazzjoni ġenerali ta' tali fondi. Dawk il-maniġers se jkollhom ikomplu jikkonformaw mar-rekwiżiti AIFMD u jkunu konformi wkoll mar-regoli magħżula tar-Regolament (UE) 345/2013 u r-Regolament (UE) 346/2013 rispettivament.

Il-partijiet ikkonċernati esprimew opinjonijiet imħallta dwar it-tnaqqis tal-investment minimu ta' €100,000 mitlub biex isir investment f'fondi EuVECA u EuSEF minn investituri mhux professjonali. Xi wħud li wiegħbu kienu favur it-tnaqqis tal-biljett minimu ta' dħul. Huma ssuġġerew it-twessigħ tal-firxa ta' investituri potenzjali sabiex iżidu l-għażla għal investituri mhux professjonali. Persuni oħra li wiegħbu kkunsidraw li l-profil ta' riskju, l-obbligi kuntrattwali u n-natura mhux likwida tal-investment f'kapital ta' riskju u intrapriżi soċjali mhumiex neċessarjament adatti għal investituri fil-livell tal-konsumaturi b'inqas kapital. Oħrajn innotaw li regoli ta' protezzjoni tal-investituri imfassla apposta addizzjonali jistgħu ikunu meħtieġa biex jappoġġjaw dan il-grupp ta' investituri, li l-kost tagħhom ma jaqbiżx iż-żidiet potenzjali fil-bażi tal-investituri. L-approċċ ta' portafoll għal investituri individwali simili għal dak tar-Regolament (UE) 2015/760 dwar il-fondi Ewropej tal-Investment fuq terminu twil¹² ġie kwotat bħala eżempju tal-livell ta' protezzjoni li jista' jiġi mitlub. B'kunsiderazzjoni għall-argumenti ta' hawn fuq, din il-proposta żżomm il-"biljett ta' dħul" ta' €100,000 għar-raġunijiet li ġejjin: it-tnaqqis fl-investment minimu jista' jintroduċi riskji ta' protezzjoni tal-investitur sinifikanti u jista', min-naħa tiegħu, ixekkel il-kunfidenza fil-fondi EuVECA u EuSEF. It-tnaqqis tal-livell limitu tal-investment jista' inevitabbilmint ikun marbut ma' miżuri ta' protezzjoni addizzjonali tal-investitur fil-livell tal-konsumaturi li t-tnejn li huma jistgħu jintroduċu spejjeż u jnaqqsu l-benefiċċju aħħari ta' reġimi ta' fondi EuVECA u EuSEF.

L-ispejjeż indiretti fuq il-maniġers għar-reġistrazzjoni ta' fondi EuVECA u EuSEF jinkludu rekwiżiti ta' fondi proprji. Min wiegħeb enfasizza li l-awtoritajiet kompetenti jvarjaw fl-

¹² Ir-Regolament (UE) 2015/760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2013 dwar il-Fondi ta' Investment Ewropej fuq Terminu Twil (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 98).

interpretazzjoni tagħhom ta' "fondi proprji suffiċjenti", fejn xi awtoritajiet kompetenti japplikaw ir-rekwiżiti sħaħ għal manigġers awtorizzati taħt l-AIFMD. Min iwieġeb qajjem dubji dwar il-kompatibilità ta' tariffi addizzjonali mitluba minn xi Stati Membri ospitanti bir-Regolament (UE) 345/2013 u r-Regolament (UE) 346/2013. Din il-proposta tindirizza l-kwistjoni ta' "goldplating" billi titlob lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq ("ESMA") tiżviluppa standards tekniċi regolatorji dwar il-metodoloġiji biex jiġu ddeterminati l-ammonti ta' fondi proprji suffiċjenti. Hija tiċċara wkoll li l-Istati Membri ospitanti ma jistgħux jitolbu tariffi fuq fondi EuVECA u EuSEF transfruntiera.

Ir-Regolament (UE) 345/2013 u r-Regolament (UE) 346/2013 jipprojbixxu l-impożizzjoni ta' kull rekwiżit jew proċedura amministrattiva fir-rigward tal-marketing ta' fondi ta' kapital ta' riskju fl-Istati Membri ospitanti. Sabiex jiġi żgurat li l-projbizzjoni tkun osservata b'mod konsistenti fl-Istati Membri kollha, dan ir-Regolament jipprovdi espliċitament li l-Istati Membri ospitanti ma jimponux tariffi u kostijiet oħrajn.

Il-maġġoranza tat-tweġibiet appoġġaw espansjoni tal-firxa ta' assi eliġibbli għall-investiment minn fondi EuVECA, fejn ingħata l-argument li d-definizzjoni ta' impriżi ta' portafoll li jikkwalifikaw taħt ir-Regolament (UE) 345/2013 hija restrittiva wisq. Ir-raġunijiet għal dan inkludew id-diffikultà għal manigġers li jidentifikaw investimenti suffiċjenti fi hdn id-definizzjoni u l-attrazzjoni li jsiru investimenti ta' segwitu. It-tweġibiet issuġġerew ukoll iż-żieda tal-limitu fuq l-għadd ta' impjegati u t-tneħħija tal-fatturat u tal-limiti tal-karta tal-bilanċi. Din il-proposta tippermetti investimenti f'impriżi sa 499 impjegat (midcaps żgħar). Din il-modifika tallinja l-iskop tal-investimenti eliġibbli skont ir-Regolament (UE) 345/2013 bi programmi ta' kapital ta' riskju mmaniġġjati mill-Fond Ewropew tal-Investment u appoġġjati minn programmi finanzjarji tal-UE bħall-faċilità InnovFin. Barra minn hekk, din il-proposta tippermetti wkoll l-investment f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju elenkati fis-suq tat-tkabbir tal-SMEs kif definit fid-Direttiva 2014/65/UE dwar swieq fl-istrumenti finanzjarji,¹³ biex tippermetti lill-entitajiet tal-istadju tat-tkabbir li diġà għandhom aċċess għal sorsi oħra ta' finazjament jirċievu wkoll kapital minn fondi EuVECA. Din il-proposta tippermetti wkoll l-investimenti ta' segwitu f'ċertu impriża li wara l-ewwel investment ma tibqax tissodisfa d-definizzjoni tal-portafoll li jikkwalifika.

- **Il-ġbir u l-użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni qagħdet fuq informazzjoni pprovduta mill-ESMA. Il-Kummissjoni organizzat ukoll workshop tekniku mmirat fis-27 ta' Jannar 2016, laqgħat bilaterali, telekonferenzi ma' partijiet kkonċernati u statistiki pprovduti minn assoċjazzjonijiet tal-industrija.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta hija akkumpanjata minn rapport ta' Valutazzjoni tal-Impatt li jikkunsidra firxa ta' għażliet ta' politika, jiġifieri jekk manigġers b'awtorizzazzjoni AIFMD jiġux permessi jużaw it-tikketti "EuVECA" u "EuSEF", jekk tiġi estiża d-definizzjoni tal-impriżi ta' portafoll kwalifikanti fir-Regolament (UE) 345/2013, jekk jinżammx il-biljett ta' dħul minimu, u jekk jiġux speċifikati proċessi amministrattivi u miżuri addizzjonali imposti mill-Istati Membri ospitanti.

Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju jagħti pożizzjoni pożittiva mar-rakkomandazzjonijiet biex jipprova jtejjeb ir-rapport ta' Valutazzjoni tal-Impatt fit-13 ta' Mejju 2016. Sussegwentement,

¹³ Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

l-abbozz ta' rapport ġie modifikat biex jiġu kkunsidrati l-kummenti mill-Bord¹⁴. Il-bidliet ewlenin relatati mal-kuntest u t-twaqqif tar-reviżjoni leġislattiva, il-preżentazzjoni tal-għażliet preferuti u l-elementi ta' simplifikazzjoni u t-tfaddil ta' kostijiet amministrattivi. Ir-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt u s-Sommarju eżekuttiv tar-rapport tal-Valuzzjoni tal-Impatt huma ppubblikati ma' din il-proposta¹⁵.

It-tabella aktar 'l isfel tipprovdi sommarju tal-miżuri differenti li ntgħażlu flimkien ma' valutazzjoni tal-impatt tagħhom fuq il-partijiet ikkonċernati rilevanti, il-benefiċċji u l-proporzjonalità.

Alternattivi ta' politika preferuti	Impatti fuq l-ispejjeż	Benefiċċji għall-manigġers li jgħestixxu l-fondi EuVECA u EuSEF, investituri u impriżi ta' portafoll	Proporzjonalità
<p>Maniġers b'awtorizzazzjoni AIFMD jiġu permessi jużaw it-tikketti "EuVECA" u "EuSEF"</p> <p>L-estensjoni tad-definizzjoni ta' impriżi ta' portafoll fir-Regolament (UE) 345/2013</p> <p>Iż-żamma ta' investment minimu ta' €100,000</p> <p>Dispożizzjonijiet espliċiti fir-Regolament (UE) 345/2013 u r-Regolament (UE) 346/2013 biex jiġu evitati proċessi amministrattivi u miżuri addizzjonali (inklużi drittijiet imposti minn Stati Membri ospitanti) u rekwiżiti mhux proporzjonati imposti mill-Istati Membri ospitanti.</p>	<p>Hekk kif il-karatteristiċi ewlenin tar-reġim ġew ippreservati, m'hu se jkun hemm ebda spiża addizzjonali għal maniġers tal-assi.</p> <p>Il-kostijiet x'aktars se jkunu anqas minn dawk tal-preżent peress li r-regoli adatti se jispeċifikaw b'mod espliċitu kif għandha tinkiseb il-proporzjonalità fir-rekwiżiti.</p> <p>Il-permess lill-manigġers b'awtorizzazzjoni AIFMD li jużaw it-tikketti "EuVECA" u "EuSEF" x'aktarx ikollu impatt pożitiv fuq id-drittijiet imħallsa minn investituri lil maniġers, peress li maniġers b'awtorizzazzjoni AIFMD joqogħdu fuq aktar ekonomija ta' skala.</p> <p>Iż-żamma tal-livell limitu ta' €100,000 se tiżgura wkoll li livelli ta' protezzjoni tal-konsumaturi ġodda, bħal regoli depożitarji jew ta' diversifikazzjoni, mhumiex rikjesti. Inkella, dawn iżidu l-ispejjeż għal maniġers ta' assi u indirettament iżidu d-drittijiet imħalla mill-investituri.</p> <p>L-ebda impatt fuq il-baġit tal-UE.</p>	<p>Il-karatteristiċi ewlenin tar-reġim ġew ippreservati għal maniġers tal-assi żgħar u mhux se jiġi rinforzata aktar.</p> <p>L-approċċ ibbilanċjat bejn il-ħarsien tal-investituri u l-kost aktar baxx u l-flessibilità tar-reġim jinżamm.</p> <p>Ma hemm ebda riskju addizzjonali għall-investituri.</p> <p>Maniġers b'awtorizzazzjoni AIFMD se jibbenefikaw minn oqfsa ta' fondi EuVECA u EuSEF u se jkunu jistgħu jikkumerċjalizzaw fondi EuVECA u EUSEF għal investituri mhux fil-livell tal-konsumatur u għal investituri oħra li kapaċi jimpenjaw €100,000. Jiġu ikunu mmirati wkoll lejn investituri addizzjonali bħal kumpaniji tal-assigurazzjoni li diġà għandhom inċentivi biex jinvestu f'dan il-qafas tal-fondi taħt Atti Delegati Solvibilità II.</p> <p>Peress li aktar maniġers tal-assi se jkunu jistgħu jużaw it-tikketti EuVECA u EuSEF, dan min-naħa tiegħu se jkollu impatt pożitiv fuq l-investment f'SMEs, midcaps żgħar u impriżi soċjali.</p> <p>It-tweġġigh tad-definizzjoni tal-impriża portafoll kwalifikanti biex tinkludi entitajiet akbar se jippermetti lill-portafolli ta' fondi EuVECA jiġu diversifikati u jippermettu li entitajiet midcap żgħar ikollhom aċċess għal finanzjament EuVECA.</p> <p>L-espansjoni tad-definizzjoni tal-impriża portafoll kwalifikanti fir-Regolament (UE) 345/2013 billi jiġi permess investment fi swieq tat-tkabbir tal-SMEs se jipprovmovi l-iżvilupp ta' dawn</p>	<p>L-għażliet preferuti jikkunsidraw il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif imnaqqax fl-Artikolu 5(4) TUE, fejn huma adegwati biex jinkisbu l-oġġettivi u ma jmorrux lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jagħmlu dan.</p> <p>L-għażliet ta' politika magħżula jipprovwaw jilhq u bilanċ tajjeb bejn l-interess pubbliku, il-protezzjoni tal-investituri, is-sikurezza u l-kunsiderazzjonijiet ta' fiduċja, kif ukoll spejjeż relatati. Il-piżijiet mhux meħtieġa jiġu evitati.</p> <p>Ir-regoli proposti ma jmorrux lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb qafas ġuridiku komuni għal fondi EuVECA u EuSEF. Huma ġew ikkunsidrati b'attenzjoni u ġew imfassla biex jappoġġjaw il-karatteristiċi speċifiċi, il-potenzjal tat-tkabbir u l-innovattività tas-setturi EuVECA u EuSEF.</p>

¹⁴ L-opinjoni tal-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju hija disponibbli fi: [...]

¹⁵ Ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt u s-sommarju eżekuttiv tiegħu jinsabu fi: [...]

		<p>is-swieq.</p> <p>L-investituri se jkollhom aċċess għal portafolli EuVECA b'aktar diversifikazzjoni, u riskju potenzjalment aktar baxx.</p> <p>Il-piż amministrattiv fuq maniġers EuVECA u EuSEF se jitnaqqas.</p> <p>L-għażliet preferuti huma koerenti ma' leġiżlazzjoni u inizjattivi oħrajn, b'mod partikolari AIFMD, swieq ta' tkabbir ta' SMEs taħt id-Direttiva 2014/65/EU, l-Unjoni tas-Swieq Kapitali, u jirrinforzaw programmi ta' finanzjament tal-UE, inkluż il-Kompetittività tal-intrapriżi u SMEs (COSME), Orizzont 2020 u l-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi.</p>	
--	--	--	--

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 jew ir-Regolament (UE) 346/2013 huma oqfsa ta' fondi volontarji, għalhekk it-teħid tagħhom jiddependi fuq l-interess tal-partijiet ikkonċernati fit-twaqqif ta' tali vetturi ta' fondi. Din il-proposta tnaqqas il-piżijiet mhux meħtieġa u l-ispejjeż għall-maniġers li lesti li jwaqqfu fondi EuVECA u EuSEF.

Il-maniġers ta' fondi EuVECA u EuSEF huma attwalment soġġetti għal proċessi ta' reġistrazzjoni taħt ir-Regolament (UE) Nru 345/2014 jew ir-Regolament (UE) 346/2013 u d-Direttiva 2011/61/UE. Din il-proposta tevita tali rekwiżiti duplikati. Ir-rieżami tar-Regolament (UE) 345/2013 u r-Regolament (UE) 346/2013 jiżvela li għall-istess daqs ta' fondi, fondi proprji suffiċjenti jistgħu jvarjaw fl-Istati Membri kollha minn €6,500 sa €125,000, fejn il-livell limitu ta' fuq ikun konformi mar-rekwiżiti ta' kapital sħiħ ta' maniġers b'awtorizzazzjoni tal-AIFMD. Sabiex jiġi evitat tali "goldplating", din il-proposta tistabbilixxi li l-metodoloġiji għad-determinazzjoni tal-ammont ta' fondi proprji suffiċjenti għandhom jiġu żviluppati fi standards tekniċi regolatorju mill-ESMA. Barra minn hekk, ir-rieżami jiżvela wkoll li xi awtoritajiet kompetenti jitolbu drittijiet għall-kummerċjalizzazzjoni ta' fondi EuVECA u EuSEF transfruntiera fit-territorji tagħhom. Id-drittijiet annwali jvarjaw minn €300 sa €3,000, fejn ikunu fl-istess livelli bħal dawg għal fondi ta' investiment transfruntiera alternattivi kkummerċjalizzati minn maniġers b'awtorizzazzjoni tal-AIFMD. Barra minn hekk, xi Stati Membri jitolbu wkoll drittijiet ta' darba ("one-off") li jvarjaw minn €300 sa €3,000 meta tibda l-kummerċjalizzazzjoni transfruntiera. Din il-proposta tipprojbixxi din il-prattika.

F'dan ir-rigward, ir-Rapport IA jissuġġerixxi madwar €40,500 ta' ffrankar ta' kostijiet kull sena mill-fond EuVECA u EuSEF f'27 Stat Membru u total ta' €32 miljun f'ħames snin fi tfaddil ta' kostijiet għall-fondi EuVECA ġodda kollha.

- **Drittijiet fundamentali**

Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Huwa konformi mal-Artikolu 16 dwar il-libertà ta' intrapriża hekk kif tiftaħ il-kummerċjalizzazzjoni ta' fondi taħt il-EuVECA u l-EuSEF għal maniġers regolati oħra. Huwa jippromwovi wkoll l-Artikolu 47 dwar id-dritt ta' rimedju u għal proċess ġust peress li jiżgura d-dritt ta' appell quddiem qrati, inklużi sitwazzjonijiet fejna ma tittieħed ebda deċiżjoni mill-awtoritajiet kompetenti.

Dan ir-Regolament jiġi applikat skont dawn id-drittijiet u l-prinċipji.

4. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet għall-baġit tal-Unjoni Ewropea.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Il-pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Ir-Regolament emendat (UE) 345/2013 u r-Regolament (UE) 346/2013 se jiġu evalwati erba' snin wara d-dħul fis-seħħ tagħhom.

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni se jiffokaw fuq erba' kwistjonijiet: (i) jekk l-oqfsa modifikati humiex attraenti għal maniġers b'awtorizzazzjoni tal-AIFMD biex jikkumerċjalizzaw fondi EuVECA u EuSEF, (ii) jekk l-oqfsa kkontribwewx għal żieda fl-assi mmaniġġjat fil-fondi EuVECA u EuSEF, u b'mod aktar wiesa' għal assi investiti f'kapital ta' riskju u kumpaniji b'impatt soċjali, (iii) jekk il-kriterji modifikati tal-impriża portafoll kwalifikanti żidux il-kapital li nġabar, u l-investimenti li saru, ta' fondi EuVECA, u (iv) jekk dispożizzjonijiet espliċiti dwar il-projbizzjoni għal Stati Membri ospitanti li jimponu drittijiet u fondi proprji suffiċjenti naqqisux l-ispejjeż tal-amministrazzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni għal fondi EuVECA u EuSEF.

L-indikaturi għal dan il-monitoraġġ jistgħu jinkludu (i) dejta ġenerali fuq setturi ta' kapital ta' riskju u ta' impatt soċjali tal-UE, inkluż fondi ta' kapital ta' riskju u ta' impatt soċjali li la huma fondi EuVECA u lanqas fondi EuSEF, (ii) l-għadd ta' fondi EuVECA u EuSEF u l-għadd ta' maniġers b'awtorizzazzjoni tal-AIFMD li jġestu u jikkumerċjalizzaw fondi EuVECA u EuSEF kif ukoll l-għadd ta' maniġers EuVECA u EuSEF irreġistrati taħt ir-Regolament (UE) 345/2013 u r-Regolament (UE) 346/2013, (iii) il-valur tal-assi ġestiti f'fondi EuVECA u EuSEF u d-daqs medju ta' tali fondi, (iv) il-konsistenza tal-livell tal-fondi proprji miżmuma minn maniġers EuVECA u EuSEF u (vi) il-kost tat-twaqqif ta' fondi. Il-monitoraġġ se jitwettaq f'kooperazzjoni mal-ESMA, li għandha l-kompitu li żżomm reġistru tal-maniġers EuVECA u EuSEF u fondi EuVECA u EuSEF u, fejn ikunu disponibbli, abbażi tar-rappurtar taħt l-AIFMD. Dejta kummerċjali u rapporti rigward il-fondi EuVECA u EuSEF u kumpaniji b'kapital ta' riskju tal-UE u b'impatt soċjali se jiġu rieżaminati wkoll biex jiġu riflessi l-impatti tal-fondi EuVECA u EuSEF f'perspettiva aktar wiesgħa.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-punt (1) tal-Artikolu 1 u l-Punt (1) tal-Artikolu 2 jippermettu lil maniġers ta' impriżi b'investiment kollettiv awtorizzati skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2011/61/UE jġestixxu l-portafolli ta' kapital ta' riskju kwalifikanti u fondi ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti biex jużaw id-denominazzjonijiet "EuVECA" u "EuSEF" rispettivament fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni ta' dawk il-fondi fl-Unjoni. Tali maniġers se jkollhom jirreġistruaw il-fondi EuVECA u EuSEF u jikkonfomraw mad-dispożizzjonijiet speċifiċi skont ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 jew ir-Regolament (UE) 346/2013 rispettivament, b'mod partikolari l-livell limitu ta' 30 % għal investimenti mhux kwalifikanti, regoli dwar investituri eliġibbli, żvelar speċifiku lil investituri u notifikati. Tali maniġers li jġestixxu fondi EuSEF se jkollhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet li jwaqqfu proċeduri biex ikejlu sa liema punt l-impriżi portafoll kwalifikanti li fihom jinvestu dawk il-fondi jiksbu impatti soċjali pożittivi li jistgħu jitkejlu.

Il-punt (2) tal-Artikolu 1 jiddefinixxi mill-ġdid id-definizzjoni tal-impriża portafoll kwalifikanti fir-Regolament (UE) Nru 345/2013 u jinkludu impriżi mhux elenkati li jimpjegaw sa 499 persuna jew impriżi żgħar u ta' daqs medju elenkati fis-suq tat-tkabbir tal-

SMEs li huma definiti fil-punti (12) u (13) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE. Huwa jippermetti wkoll investimenti ta' segwitu f'impriżi ta' portafoll kwalifikanti, jiġifieri impriżi li ma jissodisfawx il-kriterji ta' definizzjoni iżda kienu jissodisfawhom fiż-żmien tal-ewwel investimetn minn fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti f'dawk l-impriżi. Il-punt (2) tal-Artikolu 1 u l-punt (2) tal-Artikolu 2 jimmodifikaw id-definizzjoni tal-awtorità kompetenti u d-definizzjoni tal-Istat Membru ospitanti.

Il-punt (3) tal-Artikolu 1 u l-punt (3) tal-Artikolu 2 jafdaw lil ESMA l-iżvilupp ta' standards tekniċi regolatorji abbozzati li jispeċifikaw il-metodoloġiji għad-determinazzjoni tal-fondi proprji suffiċjenti. Il-metodoloġiji għandhom jiddistingwu bejn fondi EuVECA u EuSEF ġestiti internament u esternament, filwaqt li jqisu d-daqs u l-organizzazzjoni interna tal-maniġers irreġistrati taħt ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 jew ir-Regolament (UE) 346/2013 u l-maniġers awtorizzati taħt l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2011/61/UE u jiżguraw li l-ammonti li jikkostitwixxu fondi proprji suffiċjenti ma jaqbżux l-ammonti stipulati fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2011/61/UE.

Il-punt (4) tal-Artikolu 1 u l-punt (4) tal-Artikolu 2 jimmiraw li jissimplifikaw il-proċess ta' reġistrazzjoni. L-ewwel nett, id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu li l-awtorità kompetenti tal-Istati Membru ospitanti tinforma lill-maniġers dwar jekk ġewx irreġistrati mhux aktar tard minn xahrejn wara li jkunu pprovdew l-informazzjoni kollha rikjesta. It-tieni nett, id-dispożizzjonijiet jimmiraw li jiġu evitati proċessi ta' reġistrazzjoni duplikati taħt ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 jew ir-Regolament (UE) 346/2013 u d-Direttiva 2011/61/UE.

Il-punt (5) tal-Artikolu 1 u l-punt (5) tal-Artikolu 2 jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' fondi EuVECA u EuSEF minn maniġers awtorizzati taħt l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2011/61/UE. Dan ir-Regolament jippermetti r-reġistrazzjoni tal-fondi EuVECA u EuSEF minn dawk il-maniġers fl-Istati Membri lil hinn minn Stati Membri li fihom dawk il-maniġers huma awtorizzati. Il-punti (5) jiżguraw li kull rifjut, jew nuqqas li jaġixxu, li jiġu rreġistrati l-maniġers jew il-fondi EuVECA u EuSEF għandu jkun sostanzjat, notifikat u soġġett għal dritt ta' appell quddiem il-qrati.

Il-punt (6) tal-Artikolu 1 u l-punt (6) tal-Artikolu 2 jipprovdu espliċitament li d-drittijiet u l-imposti l-oħra ma jistgħux jiġu imposti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni transfruntiera ta' fondi EuVECA u EuSEF. Huma jestendu wkoll in-notifiki transfruntieri bejn il-korpi superviżorji nazzjonali fir-rigward ta' fondi EuVECA u EuSEF irreġistrati u kummerċjalizzati minn maniġers awtorizzati konformi mal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2011/61/UE.

Il-punt (7) tal-Artikolu 1 u l-punt (7) tal-Artikolu 2 jiżguraw li d-database tal-ESMA tinkludi informazzjoni rigward il-maniġers kollha ta' fondi EuVECA u EuSEF u l-fondi li huma jikkummerċjalizzaw.

Il-punt (8) tal-Artikolu 1 u l-punt (8) tal-Artikolu 2 jimmodifikaw data li sa dak iż-żmien l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ir-regoli applikabbli għal ksur tar-Regolament (UE) Nru 345/2013, inkluż ksur minn maniġers awtorizzati taħt l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2011/61/UE li tuża d-denominazzjonijiet "EuVECA" u "EuSEF" fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni tal-fondi EuVECA u EuSEF.

Il-punt (9) tal-Artikolu 1 u l-punt (9) tal-Artikolu 2 jiżguraw l-infurzar tar-Regolament (UE) Nru 345/2013 jew ir-Regolament (UE) 346/2013 *vis-à-vis* maniġers awtorizzati permezz tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2011/61/UE li jġestu fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti u ta'

intraprenditorija soċjali kwalifikanti u jużaw id-denominazzjonijiet "EuVECA" u "EuSEF" rispettivament fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni ta' dawk il-fondi.

Il-punt (10) tal-Artikolu 1 u l-punt (10) tal-Artikolu 2 jistabbilixxu li r-rieżami tar-Regolament (UE) Nru 345/2013 u r-Regolament (UE) 346/2013 ssir erba' snin wara d-dħul fis-seħ tar-Regolamenti.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 345/2013 dwar Fondi ta' Kapital ta' Riskju Ewropew u r-Regolament (UE) Nru 346/2013 dwar Fondi ta' Intraprenditorija soċjali Ewropej

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew,¹⁶

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹⁷,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja¹⁸,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹ u r-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰ jistabbilixxu rekwiżiti uniformi u kundizzjonijiet għal maniġers ta' impriżi ta' investiment kollettiv li jixtiequ jużaw id-denominazzjonijiet "EuVECA" jew "EuSEF" fl-Unjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti u fondi ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti. Ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 u r-Regolament (UE) Nru 346/2013 għandhom regoli li jmexxu, b'mod partikolari, l-investment kwalifikanti, l-impriża ta' portafoll kwalifikanti u l-investituri eliġibbli. Skont ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 u r-Regolament (UE) Nru 346/2013, huma biss il-maniġers b'assi ġestiti li b'kollox ma jaqbżux il-livell limitu msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹ li jikkwalifikaw għall-użu tat-tikketti "EuVECA" u "EuSEF" rispettivament.

¹⁶ ĠU C [...], [...], p. [...].

¹⁷ ĠU C , , p .

¹⁸ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' (.....) u deċiżjoni tal-Kunsill ta'

¹⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar fondi Ewropej ta' kapital tar-riskju (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 1).

²⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 18).

²¹ Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

- (2) Il-Komunikazzjoni dwar il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa tas-16 ta' Novembru 2014²² tipprovdi strateġija komprensiva biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' finanzjament li qed iżomm lura l-potenzjal tal-Ewropa li tikber u tipprovdi impjiegi għaċ-ċittadini tagħha. Hija timmira li tikseb investiment privat billi tuża finanzjament pubbliku u billi ttejjeb il-qafas ġuridiku għall-ambjent tal-investment.
- (3) Il-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tas-Swieq Kapitali tat-30 ta' Settembru 2015²³ hija element importanti tal-Pjan ta' Investiment. Hija timmira li tnaqqas il-frammentazzjoni fis-swieq finanzjarji u żżid il-provvista ta' kapital għal negozji permezz tat-twaqqif t'a suq kapitali uniku ġenwin. Il-Komunikazzjoni tispeċifika li r-Regolament (UE) Nru 345/2013 u r-Regolament (UE) Nru 346/2013 jeħtieġ li jiġu emendati biex jiġi żgurat li l-oqfsa jistgħu jappoġġaw bl-aħjar mod l-investment fl-SMEs.
- (4) Is-suq tal-fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti u l-fondi ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti għandhom jiġu miftuħa biex iżidu l-effetti fuq skala, jitnaqqsu l-kostijiet ta' tranżazzjoni u operazzjonali, itejbu l-kompetizzjoni u jsaħħu l-għażla tal-investitur. L-estensjoni tal-bażi ta' manijers prospettivi tikkontribwixxi għall-ftuħ ta' dak is-suq. Dan għandu jibbenefika impriżi li jfittxu investimenti billi jagħtihom aċċess għal finanzjament minn firxa akbar u aktar varjata ta' sorsi ta' investiment ta' riskji. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 345/2013 u r-Regolament (UE) Nru 346/2013 għandhom, għalhekk, jiġu estenzi billi jinfetħu l-użu tat-tikketti "EuVECA" u "EuSEF" għal manijers ta' impriżi ta' investiment kollettiv awtorizzati taħt l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2011/61/UE.
- (5) Sabiex jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-investituri, dawk il-manijers għandhom jibqgħu soġġetti għar-rekwiżiti tad-Direttiva 2011/61/UE filwaqt li jkunu konformi ma' ċertu dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 345/2013 jew ir-Regolament (UE) Nru 346/2013, jiġifieri d-dispożizzjonijiet rigward investimenti eliġibbli, investituri fil-mira u rekwiżiti tal-informazzjoni.
- (6) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jafu dwar kull użu ġdid tat-tikketti "EuVECA" u "EuSEF", il-manijers ta' impriżi ta' investiment kollettiv awtorizzati permezz tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2011/61/UE għandhom jirreġistraw kull fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti jew fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti li huma biħsiebhom iġestixxu u jikkumerċjalizzaw. Dan għandu jiżgura li dawk il-manijers iżommu l-mudelli ta' negozju tagħhom billi jkunu jistgħu iġestu impriżi ta' investiment kollettiv stabbiliti fi Stati membri oħra filwaqt li titwessa' l-firxa ta' prodotti li joffru.
- (7) Il-firxa ta' impriżi eliġibbli li l-fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti jistgħu jinvestu fihom għandha tiġi estiża biex tkompli tiżdied il-provvista ta' kapital għan-negozji. Id-definizzjoni ta' impriżi ta' portafoll kwalifikanti għandha tinkludi, għalhekk, kumpaniji sa 499 impjegat (midcaps żgħar) u impriżi żgħar u ta' daqs medju elenkati fis-swieq tat-tkabbir tal-SMEs. L-għażliet ta' investiment ġodda għandhom jippermettu wkoll entitajiet tal-fażi tat-tkabbir li diġà għandhom aċċess għal sorsi oħra ta' finanzjament, bħal swieq tat-tkabbir tal-SMEs, jirċievu kapital minn fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti li min-naħa tagħhom għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp tas-swieq tat-tkabbir tal-SMEs.

²² Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investment Pjan ta' Investiment għall-Ewropa (COM(2014)903 final).

²³ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Pjan ta' Azzjoni għall-Bini ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali, (COM(2015) 468 final).

- (8) Il-fondi tal-kapital ta' riskju kwalifikanti għandhom jiġu permessi jipparteċipaw fuq perjodu itwal ta' żmien fis-sellum ta' finanzjament għal SMEs mhux elenkati, midcaps żgħar mhux elenkati u SMEs elenkati fis-swieq tat-tkabbir tal-SMEs, biex ikomplu jtejbju l-potenzjal tagħhom li jagħmlu redditi minn kumpaniji b'ħafna tkabbir. Għalhekk, għandhom jiġu permessi investimenti ta' segwitu wara l-ewwel investment.
- (9) Il-proċeduri ta' reġistrazzjoni għandhom ikunu kosteffikaċi. Għalhekk, ir-reġistrazzjoni ta' maniġer skont ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 u r-Regolament (UE) Nru 346/2013 għandha sservi l-iskop tar-reġistrazzjoni msemmi fid-Direttiva 2011/61/UE. Id-deċiżjonijiet u n-nuqqasijiet ta' reġistrazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 jew ir-Regolament (UE) Nru 346/2013 għandhom, meta jkun xieraq, jiġu soġġetti għal rieżami ġuridiku.
- (10) Jinħtieġ li jiġi ċċarat li l-projbizzjoni għall-Istat Membru ospitanti timponi rekwiżiti jew proċeduri amministrattivi fir-rigward tal-marketing ta' fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti u fondi ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti fit-territorju tiegħu tinkludi l-projbizzjoni li jiġu imposti drittijiet jew imposti oħra fuq il-maniġers ta' dawk il-fondi.
- (11) Ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 u r-Regolament (UE) Nru 346/2013 issa jirrikjedu li l-maniġers ta' fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti u fondi ta' intraprenditorija soċjali dejjem ikollhom fondi biżżejjed. Sabiex jiġi żgurat fehim fl-Unjoni kollha dwar dak li jikkostitwixxi fondi proprji suffiċjenti għal dawk il-maniġers, l-Awtorità Superviżorja Ewropea ("ESMA") għandha tintalab tfassal standards tekniċi regolatorji abbozzati li jippreskrievu l-metodoloġiji biex jiġi determinat x'jikkostitwixxi fondi proprji suffiċjenti.
- (12) Peress li dan ir-Regolament jibda l-użu tat-tikketti "EuVECA" u "EuSEF" għal maniġers ta' impriżi ta' investment kollettiv awtorizzati taħt l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2011/61/UE, id-dejtabejż ċentrali, miżmum mill-ESMA konformi mar-Regolament (UE) Nru 345/2013 u r-Regolament (UE) Nru 346/2013 għandu jinkludi wkoll informazzjoni rigward il-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw u fondi ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti li huma mmaniġġjati u kkumerċjalizzati minn dawk il-maniġers.
- (13) Peress li l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jkompli jissaħħaħ is-suq intern għal fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti u fondi ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti billi jissaħħaħ l-użu tat-tikketti "EuVECA" u "EuSEF", ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, u jistgħu għalhekk, minħabba l-iskala jew l-effetti tiegħu, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, konformi mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu l-oġġettivi f'konformità mal-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
- (14) Ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 u r-Regolament (UE) Nru 346/2013 għandhom jiġu emendati skond dan.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 2 il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

“2. L-Artikoli 5 u 6, il-punti (c) u (i) tal-Artikolu 13(1) u l-Artikolu 14a ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għal maniġers ta' impriżi ta' investment kollettiv awtorizzati permezz tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2011/61/UE li jimmaniġġjaw portafolli ta' fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti u bi ħsiebhom jużaw id-denominazzjoni "EuVECA" fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni ta' dawk il-fondi fl-Unjoni.”

(2) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punt (k) jinbidel b'dan li ġej:

“(k) "Stat Membru tad-domiċilju" jfisser l-Istat Membru fejn il-maniġer ta' fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika għandu l-uffiċċju reġistrat tiegħu;”

(b) Fil-punt (d), il-punt (i) hu mibdul b'li ġej:

“(i) fi żmien l-ewwel investment mill-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti f'dik l-impriża

— l-impriża mhijiex ammessa għan-negozjar fuq suq regolat jew fuq faċilità multilaterali tan-negozjar(MTF) kif definit fil-punti (21) u (22) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, u timpjega sa 499 persuna;

— l-impriża hija intrapriża żgħira u ta' daqs medju kif definit fil-punt (12) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE li hija elenkata fuq suq tat-tkabbir tal-SMEs kif definit fil-punt (13) tal-Artikolu 4(1) ta' dik id-Direttiva.”

(c) Punt (m) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(m) “awtorità kompetenti” tfisser:

(i) għal maniġers imsemmija fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 3(3)(a) tad-Direttiva 2011/61/UE;

(ii) għal maniġers imsemmija fl-Artikolu 2(2) ta' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2011/61/UE;

(iii) għal fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih il-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti jkollu l-uffiċċju rreġistrat jew il-kwartieri ġenerali tiegħu;”

* Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

(3) Fl-Artikolu 10, għandu jiddaħħal il-paragrafu 3 li ġej:

“3. L-ESMA għandha tiżviluppa standards tekniċi regolatorji abbozzati li jispeċifikaw il-metodoloġiji li jiddeterminaw x'jikkostitwixxi fondi proprji suffiċjenti. Dawk il-metodoloġiji għandhom:

(a) jiddistingwu bejn x'jikkostitwixxi fondi proprji għal fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti ġestiti internament u fondi proprji suffiċjenti għal maniġers ta' fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti li huma maniġers esterni;

(b) jikkunsidraw id-daqs u l-organizzazzjoni interna tal-maniġers imsemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 2 sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet

newtrali ta' kompetizzjoni bejn dawk il-manigġers u l-manigġers imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu;

(c) jiġi żgurat li l-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dawk il-metodoloġiji ma jaqbūx l-ammonti stabbiliti fl-Artikolu 9 tad-Diretiva 2011/61/UE.

L-ESMA għandha tissottometti dawk l-istandards tekniċi regolatorji abbozzati lill-Kummissjoni fi żmien [18-il xahar mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni b'dan tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

(4) Fl-Artikolu 14, jiddaħħlu l-paragrafi 3a u 3b li ġejjin:

“3a. Il-manigġers imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu informati mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tagħhom dwar jekk ġewx irregġistrati bħala manigġer ta' fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti mhux aktar tard minn xahrejn wara li jkunu pprovdew l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1.

3b. Reġistrazzjoni skont dan l-Artikolu għandha tikkostitwixxi reġistrazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 3(3) tad-Diretiva 2011/61/UE.”;

(5) Jiddaħħlu l-Artikoli 14 a u 4b li ġejjin:

“Artikolu 14 a

1. Manigġers ta' impriżi ta' investment kollettiv awtorizzati permezz tal-Artikolu 6 tad-Diretiva 2011/61/UE għandhom japplikaw għal reġistrazzjoni tal-fondi ta' kapital ta' riskju li għalihom bi ħsiebhom jużaw id-denominazzjoni "EuVECA".

2. L-applikazzjoni tar-reġistrazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir lill-awtorità kompetenti tal-fond ta' kapital ta' riskju u għandha tinkludi dan li ġej:

(a) ir-regoli tal-fond jew l-istrumenti tal-inkorporazzjoni tal-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti;

(b) informazzjoni dwar l-identità tad-depożitarju;

(c) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 14(1).

Għall-finijiet tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, l-informazzjoni dwar l-arranġamenti magħmula għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament għandhom jirreferu għall-arranġamenti li saru biex ikun hemm konformità mal-Artikoli 5 u 6 u l-punti (c) u (i) tal-Artikolu 13(1).

3. L-awtorità kompetenti tal-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti għandhom jirreġistraw kull fond bħala fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti jekk il-manigġer tal-fond jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 14(2).

4. Il-manigġers imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu informati mill-awtorità kompetenti tal-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti dwar jekk dak il-fond ġiex irregġistrat bħala fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti mhux aktar tard minn xahrejn wara li dawk il-manigġers ipprovdew l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 2.

5. Ir-reġistrazzjoni tal-fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti taħt il-paragrafi 1, 2 u 3 għandha tkun valida fit-territorju kollu tal-unjoni u għandha tippermetti l-

kummerċjalizzazzjoni ta' dawk il-fondi taħt id-denominazzjoni "EuVECA" fl-Unjoni kollha.

Artikolu 14b

Kull rifjut li jiġu rreġistrati l-maniġers imsemmi fl-Artikolu 14 u l-fondi msemmija fl-Artikolu 14a għandu jkun sostanzjat, notifikat lill-maniġers imsemmija f'dawk l-Artikoli u soġġet għad-dritt ta' appell quddiem il-qrati. Dan id-dritt ta' appell għandu jeżisti wkoll meta ma tkun ittieħdet ebda deċizzjoni dwar reġistrazzjoni xahrejn wara li saret applikazzjoni għaliha.”;

- (6) Fl-Artikolu 16, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'li ġej:

“1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti u lill-ESMA immedjatament dwar kull reġistrazzjoni ta' maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti, kull żieda ta' fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti ġdid, kull żieda ta' domiċilju ġdid għat-twaqqif ta' fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti jew dwar kull żieda ta' Stat Membru ġdid li fih il-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti bi ħsiebu jikkummerċjalizza dawk il-fondi.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-awtorità kompetenti ta' dak il-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti li ġiet irreġistrata f'konformità mal-Artikolu 14a għandha tinnotifika dik ir-reġistrazzjoni immedjatament lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-maniġer ta' dak il-kapital ta' riskju kwalifikanti.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti ma għandhomx jimponu fuq il-maniġers ta' fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti xi rekwiżiti jew proċeduri amministrattivi fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni tal-fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti tagħhom, u lanqas ma għandhom jirrikjedu xi approvazzjoni ta' dik il-kummerċjalizzazzjoni qabel il-bidu tagħha.

Ir-rekwiżiti jew il-proċeduri amministrattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jinkludu drittijiet u imposti oħrajn.”

- (7) L-Artikolu 17 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 17

L-ESMA għandha żżomm aġġornata database ċentrali, aċċessibbli fuq l-internet, li telenka l-maniġers ta' fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti kollha, bl-użu ta' fond tad-denominazzjoni "EuVECA" u l-fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti li jużawha għalihom, kif ukoll il-pajjiżi li fihom dawk il-fondi jkunu kkummerċjalizzati.”;

- (8) Fl-Artikolu 20(2), id-data tas-“16 ta' Mejju 2015” hija sostitwita b'dik ta' “[24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]”;

- (9) L-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:

- (a) Il-punt (c) tal-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) juża d-denominazzjoni "EuVECA" iżda mhuwiex irreġistrat skont l-Artikolu 14, jew il-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti ma jkunx irreġistrat f'konformità mal-Artikolu 14a;”

- (b) Il-punt (e) tal-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(e) akkwista reġistrazzjoni permezz ta' dikjarazzjonijiet foloz jew b'xi mod irregolari ieħor bi ksur tal-Artikolu 14 jew l-Artikolu 14a;”

(c) Il-punt (a) tal-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) tiegħu l-miżuri li jiżguraw li l-manigġer ta' fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti jikkonforma mal-Artikoli 5 u 6, mal-punti (a) u (b) tal-Artikolu 7 u mal-Artikoli 12 sa 14a;”

(10) Fl-Artikolu 26(2)(a), id-data tat-“22 ta' Lulju 2017” hija sostitwita minn dik ta' “[48 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]”.

Artikolu 2

Ir-Regolament (UE) Nru 346/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2 il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

“2. L-Artikoli 5 u 6, 10, 13(2), il-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 14(1) u l-Artikolu 15a ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għal manigġers ta' impriżi ta' investiment kollettiv awtorizzati taħt l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2011/61/UE li jġestixxu portafolli ta' fondi ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti u biġsiebhom jużaw id-denominazzjoni "EuSEF" fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni ta' dawk il-fondi fl-Unjoni.”

(2) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punt (k) jinbidel b'dan li ġej:

“Stat Membru tad-domiċilju’ ifisser l-Istat Membru fejn il-manigġer ta' intraprenditorija soċjali li tikkwalifika jkollu l-uffiċċju reġistrat tiegħu;”

(b) Punt (m) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(m) awtorità kompetenti’ tfisser:

(i) għal manigġers imsemmija fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 3(3)(a) tad-Direttiva 2011/61/UE;

(ii) għal manigġers imsemmija fl-Artikolu 2(2) ta' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2011/61/UE.

(iii) għal fondi ta' intraprenditorija soċjali, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih il-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti jkollu l-uffiċċju reġistrat jew il-kwartier ġenerali;”

(3) Fl-Artikolu 11, jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

“3. L-ESMA għandha tiżviluppa l-istandards tekniċi regolatorji abbozzati li jispeċifikaw il-metodoloġiji li jiddeterminaw x'jikkostitwixxi fondi proprji suffiċjenti. Dawk il-metodoloġiji għandhom:

(a) jiddistingwu bejn x'jikkostitwixxi fondi proprji suffiċjenti għal fondi ta' intraprenditorija soċjali li jikkwalifikaw ġestiti internament u fondi proprji suffiċjenti għal manigġers ta' fondi ta' intraprenditorija soċjali li jikkwalifikaw li huma manigġers esterni;

(b) jikkunsidraw id-daqs u l-organizzazzjoni interna tal-manigġers imsemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 2 sabiex jiżguraw kundizzjonijiet newtrali ta' kompetizzjoni bejn dawk il-manigġers u l-manigġers imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu;

- (c) jiżguraw li l-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dawk il-metodoloġġi ma jaqbżux l-ammonti stipulati fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2011/61/UE.

L-ESMA għandha tissottometti dawk l-istandards tekniċi regolatorji abbozzati lill-Kummissjoni fi żmien [18-il xahar mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Is-setgħa li tingħata lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

- (4) Fl-Artikolu 15, jiddaħħlu l-paragrafi 3a u 3b li ġejjin:

“3a. Il-manigġers imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu informati mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tagħhom dwar jekk ġewx irregġistrati bħala manigġer tal-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti mhux aktar tard minn xahrejn wara li jkunu pprovdew l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1.

3b. Regġistrazzjoni skont dan l-Artikolu għandha tikkostitwixxi regġistrazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2011/61/UE.”;

- (5) Jiddaħħlu l-Artikoli 15 a u 15b li ġejjin:

“Artikolu 15 a

1. Manigġers ta' impriżi ta' investment kollettiv awtorizzati permezz tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2011/61/UE għandhom japplikaw għar-regġistrazzjoni tal-fondi tal-intraprenditorija soċjali kwalifikanti li għalihom biħsiebhom jużaw id-denominazzjoni "EuSEF".

2. L-applikazzjoni għar-regġistrazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir lill-awtorità kompetenti tal-fond tal-intraprenditorija soċjali kwalifikanti u għandha tinkludi dan li ġej:

- (a) ir-regoli tal-fondi jew l-istrumenti tal-inkorporazzjoni tal-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti;
- (b) l-informazzjoni dwar l-identità tad-depożitarju;
- (c) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 15(1).

Għall-finijiet tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, l-informazzjoni dwar l-arranġamenti li saru għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament għandhom jirreferu għall-arranġament li saru għall-konformità mal-Artikoli 5, 6 u 10, l-Artikoli 13(2) u l-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 14(1).

3. L-awtorità kompetenti tal-fond tal-intraprenditorija soċjali li jikkwalifika għandhom jirregġistraw kull fond bħala fond ta' intraprenditorija soċjali li jikkwalifika jekk il-manigġer tal-fond jissodisfa l-kundizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 15(2).

4. Il-manigġers imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu informati mill-awtorità kompetenti tal-fond tal-intraprenditorija soċjali kwalifikanti dwar jekk il-fond ġiex irregġistrat bħala fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti mhux aktar tard minn xahrejn wara li dawk il-manigġers ikunu pprovdew l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

5. Ir-regġistrazzjoni ta' fondi ta' intraprenditorija soċjali skont il-paragrafi 1,2 u 3 għandha tkun valida fit-territorju sħiħ tal-Unjoni u għandha tippermetti l-marketing ta' dawk il-fondi bid-denominazzjoni "EuSEF" fl-Unjoni kollha.

Artikolu 15b

Kull rifjut li jiġu rreġistrati l-manigġers imsemmija fl-Artikolu 15 u l-fondi msemmija fl-Artikolu 15a għandu jkun sostanzjat, innotifikat lill-manigġers imsemmija f'dawk l-Artikoli u soġġett għal dritt ta' appell quddiem il-qrati. Dan id-dritt ta' appell għandu jeżisti wkoll meta ma tkun ittieħdet ebda deċiżjoni fuq reġistrazzjoni xahrejn wara li tkun saret applikazzjoni għaliha.”;

(6) Fl-Artikolu 17, il-paragrafi 1 u 2 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

“1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti u lill-ESMA immedjatement dwar kull reġistrazzjoni ta' manigġer ta' fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti, kull żieda ta' domiċilju ġdid għat-twaqqif ta' fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti jew kull żieda ta' Stat Membru ġdid fejn il-manigġer ta' fond ta' intraprenditorija soċjali għandu l-ħsieb li jikkumerċjalizza dawk il-fondi.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-awtorità kompetenti ta' fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti li ġie rreġistrat skont l-Artikolu 15a għandu jinnotifika dik ir-reġistrazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-manigġer ta' dak il-fond ta' intraprenditorija soċjali li tikkwalifika.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti ma għandhomx jimponu fuq il-manigġers ta' fondi ta' intraprenditorija soċjali li jikkwalifikaw xi rekwiżit jew proċeduri amministrattivi fir-rigward tal-marketing tal-fondi ta' intraprenditorija soċjali li jikkwalifikaw, u lanqas ma għandhom jeżiġu xi approvazzjoni ta' dak il-marketing qabel ma jibda'.

Ir-rekwiżiti tal-proċeduri amministrattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jinkludu drittijiet u imposti oħra.”;

(7) L-Artikolu 13(18) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 18

L-ESMA għandha żżomm aġġornata database ċentrali, aċċessibbli fuq l-internet, li telenka l-manigġers ta' fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti bl-użu tad-denominazzjoni "EuSEF" u l-fondi ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti li jużawha għalihom, kif ukoll il-pajjiżi li fihom dawk il-fondi jkunu kkummerċjalizzati.”;

(8) Fl-Artikolu 21(2), id-data tas-"16 ta' Mejju 2015" hija sostitwita minn dik ta' "[24 xhur wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]”;

(9) L-Artikolu 22 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punt (c) tal-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) juża d-denominazzjoni "EuSEF" mingħajr ma jkun irreġistrat f'konformità mal-Artikolu 15, jew il-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti ma jkunx irreġistrat f'konformità mal-Artikolu 15a;”

(b) Il-punt (e) tal-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(e) akkwista reġistrazzjoni permezz ta' dikjarazzjonijiet foloz jew b'xi mod irregolari ieħor bi ksur tal-Artikolu 15 jew l-Artikolu 15a;”

(c) Il-punt (a) tal-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) tiegħu l-miżuri li jiżguraw li l-manigġer ta' fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti jikkonforma mal-Artikoli 5 u 6, mal-punti (a) u (b) tal-Artikolu 7, u mal-Artikoli 13 sa 15a;”

(10) Fl-Artikolu 27(2)(a), id-data tat-“22 ta' Lulju 2017” hija sostitwita minn dik ta' “[48 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]”.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President